MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 329/1989/1

**Dr. Edward Woods LL.D. ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited, u dina sew proprju kif ukoll bhala agenti u in rapprezentanza ta' Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited, li permezz tad-ditta Mediterranean Underwriting Managers Lmited, Malta, assikurat merkanzija importata mid-Direttur tal-Kummerc f'isem id-Dipartiment tal-Kummerc li waslet Malta fuq il-vapur POPI fil-25 ta' Novembru 1987**

**vs**

**Joseph Bowman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` W.J. Parnis England Limited, agenti regolari tad-ditta "NIVER LINES" proprjetarji/armaturi tal-vapur POPI u in rapprezentanza tal-istess**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta’ Marzu 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi d-Direttur tal-Kummerc, f’isem id-Dipartiment tal-Kummerc, importa gewwa Malta sitt elef mitejn u seba’ (6,207) kaxxa laham tal-friza mill-Amerika t’Isfel fuq il-vapur POPI li wasal Malta fil-25 ta’ Novembru 1987;

Illi meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija giet kunsenjata lill-importaturinstab illi erbghin kaxxa minn din il-merkanzija kien nieqsa, kaxxa wahda vojta u hames kaxxi b’xi kontenut nieqes, u dan in-nuqqas kien relattiv ghal poloz tal-kariku numru 1, 2, 3, 1R, F3, F4 u F5 (Dok. A – G);

Illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta` Mediterranean Insurance Brokers Limited hallset, fl-interessi tal-“Underwriters”, is-somma ta’ elf u tlieta u erbghin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm1043.32) u ghalhekk dawn l-“Underwriters” rappresentati Londra mid-ditta Hogg Robinson & Gardner Mountain Limited, gew surrogati fid-drittijiet tal-importatur (Dok. H);

Illi l-istess “Underwriters” Londra appuntaw lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited sabiex tagixxi ghaliha bhala “recovery agents”;

Illi d-ditta konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

Talab li din il-Qorti:

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-Dipartiment tal-Kummerc;

(2) tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta’ Lm1043.32 bl-interessi skond il-ligi mit-23 ta’ Marzu 1987 in linea ta’ Danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bowman nomine fejn qal:

(1) Preliminarjament il-konvenut nomine ma ghandu ebda relazzjoni guridika mad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited proprio;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni d-ditti u s-socjetajiet li ghalihom qed jagixxi l-attur nomine huma kollha "insurance brokers" u ma hemm l-ebda socjeta` jew ditta assikuratrici proprio;

(3) Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, il-konvenut ma ghandu jbati ebda spejjez ghal dawn il-proceduri stante li t-terminu ta' dekadenza gie estiz sabiex l-attur nomine jew ir-ricevitur jipprezenta d-dokumenti necessarji sabiex il-konvenut nomine jkun jista' jikkunsidra l-claims mertu ta' din il-vertenza pero` d-dokumenti gew ippresentati fl-ahhar gurnata u ghalhekk ma kienx hemm zmien biex jigu pprocessati;

(4) Illi fil-mertu l-konvenut nomine mhux responsabbli ghad-danni mitluba mill-attur nomine kif dedotti fic-citazzjoni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-15 ta' Mejju 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Gotthard Gauci bhala perit legali biex ifittex u jirrelata, wara li jiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-28 ta' Mejju 1990 li permezz tieghu gie sospiz l-inkarigu tal-perit legali sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Frar 1991 li permezz tieghu l-process gie rimess quddiem il-perit legali l-gdid l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon li gie nominat in sostituzzjoni ta’ l-Avukat Dottor Gotthard Gauci;

Rat in-nota ta’ l-attur nomine tat-22 ta’ Ottubru 1991 li permezz taghha rriduca s-somma mitluba fic-citazzjoni ghas-somma ta’ Lm897.26;

Rat ir-rapport tal-perit legali debitament mahluf fis-17 ta’ Marzu 2000;

Rat in-nota ta’ kritika ta’ l-attur nomine ghar-rapport peritali pprezentat fit-28 ta’ Gunju 2000 u n-nota tal-konvenut nomine pprezentat fis-7 ta’ Lulju 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Civili Superjuri) li taghha din il-Qorti kienet qed tistenna l-ezitu, u cioe` l-appell civili superjuri fl-ismijiet **Dr. Edward Woods noe vs Godwin Abela noe et** (Citaz. Nru. 614/1988) deciz fis-6 ta’ Novembru 2006;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta` attrici Mediterranean Survey Bureau Limited proprio et nomine qed titlob ir-rifuzjoni ta’ somma li thallset lid-Dipartiment tal-Kummerc ghal nuqqasijiet f’merkanzija importata f’Malta. Il-konvenut nomine ressaq xi eccezzjonijiet ta’ natura preliminari illi sejrin jigu ttrattati l-ewwel.

<u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut nominee qieghed jghid illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mad-ditta [***recte:*** socjeta`] Mediterranean Survey Bureau Limited proprio.

Fis-sentenza pre-citata **Dr. Edward Woods noe vs Godwin Abela noe et**, inghatat eccezzjoni kwazi identika fejn gie eccepit pero` illi s-socjeta konvenuta Cargo Handling Co. Ltd. ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-istess socjeta` kemm proprio kif ukoll nomine. Fis-sentenza taghha, l-Onor. Qorti ta' l-Appell qalet hekk dwar dik l-eccezzjoni:

**"18. Kwantu gall-eccezzjoni l-ohra tas-socjeta` appellata, illi din m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika kwalunkwe ma' l-appellanti, anki din, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, m'hijiex gustifikata. Infatti ghalkemm jirrizulta li l-appellanti zgur li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika <u>diretta</u> mas-socjeta` appellata, madanakollu jirrizulta bla ebda ombra ta' dubju li hija ghandha relazzjoni guridika in kwantu s-socjeta` appellanti (Mediterranean Survey Bureau Limited u min assigura l-merkanziji) giet surrogata fid-drittijiet tad-Direttur tal-Kummerc bl-imsemmija surroga. Fi kliem iehor ir-relazzjoni guridika pretiza f'din il-kawza mis-socjeta` appellanti hija msejsa fuq il-pretensjoni li kellu d-Direttur tal-Kummerc li jigi rizarcit ghad-danni li sofra fil-merkanzija li importa f'Malta meta din kienet taht il-kustodja tas-socjeta` appellata, liema pretensjoni huwa ghaddiha lis-socjeta` appellanti billi hija hallsitu ghall-pretensjoni tieghu, u hu min-naha tieghu ssurrogaha fl-istess drittijiet tieghu."**

F'dik il-kawza izda, a differenza mill-kaz odjern, u kif indikat fl-istess sentenza, is-surroga li saret mid-Dipartiment tal-Kummerc saret favur "Mediterranean Insurance Brokers Limited for Underwriters concerned and/or Mediterranean Survey Bureau Limited as the recovery agents as per Addendum dated 24$^{th}$ October 1981". Fil-kaz odjern, mis- *subrogation form* a fol. 13 tal-process jirrizulta li s-surroga saret favur "The Underwriters Concerned of the Goods mentioned below". Inoltre l-anqas ma jirrizulta illi kienet is-socjeta` Mediterranean Survey Bureau Limited li hallset lid-Direttur tal-Kummerc izda, kif dikjarat fl-istess citazzjoni, kienet is-socjeta`

Mediterranean Insurance Brokers Limited. Konsegwentement is-socjeta` konvenuta ghandha ragun tghid illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` Mediterranean Survey Bureau Limited **proprio**. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha.

It-tieni eccezzjoni

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta qed tghid illi d-ditti u socjetajiet li ghalihom qed jagixxi l-attur nomine huma kollha "insurance brokers" u ma hemm l-ebda socjeta` jew ditta assikuratrici proprio. Hawn terga' ssir referenza ghal dak li qalet l-Onor. Qorti ta' l-Appell fis-sentenza precitata:

**"12. Issa ma hemm l-ebda dubju li l-mod kif kien qieghed jigi transatt in-negozju konness ma' l-assigurazzjoni in kwistjoni, kien mod contort u ikkumplikat, fatt dan li gie rilevat b'enfasi kbira fis-sentenza appellata. Madanakollu dan huwa hekk ghaliex mhux biss il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni fih element ta' ko-assigurazzjoni, izda hemm ukoll il-prezenza tal-membri tal-Lloyd's cioe` l-*underwriters* – li skond l-uzanza Ingliza baqghu dejjem anonimi – kif ukoll il-broker ta' Lloyd's li f'dan il-kaz huwa s-socjeta` appellanti Hogg Robinson and Gardner Mountain Limited. Wiehed irid jiftakar li n-negozju tal-Lloyd's Corporation huwa wiehed li frekwentement huwa mibni fuq numru ta' uzanzi tal-kummerc li zviluppaw mal-medda tas-snin f'dan is-settur sofistikat u specjalizzat, u dan il-fatt jispjega ukoll il-komplessita` ta' kif jidher li jizvolgi l-istess negozju, inkluz dak konness ma' l-assigurazzjoni meritu tal-kaz odjern.**

**….**

**16. Fil-fehma tal-Qorti, japplika ghal dan il-kaz l-insenjament kontenut fis-sentenza ta din il-Qorti, diversament komposta, li nghatat fl-4 ta' Frar 1992 fil-kawza fl-ismijiet <u>Leonard Vella noe v. Albert Mizzi et noe</u> fejn *inter alia* jinghad hekk:**

**‘Finalment x’inhu u m’huwiex issurrogat, huma kollha kwistjonijiet li m’ghandhom x’jaqsmu xejn mad-drittijiet li taghti l-ligi lil kull persuna li tikkwalifika ghalihom skond l-artikolu ikkwotat [l-artikolu 1165 tal-Kodici Civili]; mhux biss, imma huwa wkoll irrelevanti minn fejn giebet il-flus biex tkun tista’ thallas u takkwista d-drittijiet ta’ debitur bis-sahha tal-konvenzjoni tas-surroga.’**

**17. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-identita` ta’ l-*underwriters* li issottoskrivew il-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni in kwistjoni u l-prezenza taghhom fil-kawza certament ma hijiex necessarja biex l-azzjoni odjerna tkun tista’ tirnexxi. L-interess guridiku tas-socjeta` appellata huwa li tara li min gie issurrogat fid-drittijiet tal-kreditur, cioe` tad-Direttur tal-Kummerc, ikun prezenti fil-kawza biex, jekk jinstab li s-socjeta` appellata tkun responsabbli ghad-danni, jigi accertat li l-pagament isir lill-persuna li kienet intitolat li tircievi dan il-hlas ghax verament giet issurrogata fid-drittijiet ta’ l-imsemmi Direttur tal-Kummerc.”**

Issa, fil-kaz in ezami, jirrizulta illi d-Dok. EW1 huwa l-polizza ta’ assikurazzjoni bin-Nru. M0005183 li kien qed jaghti kopertura lill-merkanzija in kwistjoni. Huwa kuntratt ta’ assikurazzjoni marittima mahrug favur id-Direttur tal-Kummerc mis-socjeta` Mediterranean Underwriting Managers Limited (fil-qosor: MUM Ltd.). Permezz tal-*brokers* esteri Hogg Robinson, MUM Ltd. kellha l-mandat li taghti kopertura assikurativa ghal sitt *underwriters* esteri li isimhom u l-*quota* tar-riskju minnhom assunt jirrizulta fl-ahhar pagna tal-istess Dok. EW1. Din il-polizza giet kontrattata wara l-intervent tal-Mediterranean Insurance Brokers Limited (fil-qosor: MIB Ltd.) li bhala *brokers* kienu qed jagixxu fl-interess tal-klijent taghhom li kien id-Direttur tal-Kummerc. Kienet MUM Ltd. li pprocessat il-*claim* li saret mid-Direttur tal-Kummerc tramite MIB Ltd. wara li kien riskontrat in-nuqqas fil-konsenja tal-laham. Billi MUM Ltd. kellha l-*binding authority* tal-*underwriters*, hija hallset il-*claim* tad-Direttur tal-Kummerc. Hija konswetudini fil-qasam tal-assikurazzjoni li meta jkun hemm *broker* li qed

jagixxi fl-interess tal-assikurat, il-pagament tal-*claim* isir lilu. Min-naha tieghu, il-*broker* jiehu hsieb li l-assikurat jirrilaxxja s-surroga. Fil-fatt f'dan il-kaz hekk sar kif jirrizulta mid-Dok. H li taghmel referenza ghad-Dok. EW1. Ghal dak li jirrigwarda r-*recovery* tal-flus li l-*underwriters* sborzaw biex indennizzaw lill-assikurat taghhom, Hogg Robinson ghall-*underwriters* inkarigaw lil Mediterranean Survey Bureau Limited.

Differentement minn dak li gara fil-kaz imsemmi, mid-dokument ta' surroga f'dan il-kaz (Dok. H) jirrizulta li d-Direttur tal-Kummerc ta s-surroga mhux lill-*brokers* jew agenti lokali je esteri izda lill-*underwriters* li l-identita` u l-interess taghhom jirrizulta mid-Dok. EW1. Fil-kaz in ezami l-*leaders* kienu Lloyd's Underwriters – ghalhekk il-*co-insurers* l-ohra jsegwu l-proceduri stabbiliti mil-*leaders*. Kif tajjeb osserva l-perit legali, "fil-prassi u konswetudini tal-assikurazzjoni, huwa risaput li dawn Lloyd's Underwriters jagixxu permezz ta' *brokers* fis-suq internazzjonali tal-assikurazzjoni l-aktar minhabba l-istruttura *sui generis* kif topera Lloyd's." Konsegwentement fil-kaz in ezami, filwaqt illi l-prezenza ta' l-*underwriters* fil-kawza **"ma hijiex necessarja biex l-azzjoni odjerna tkun tista' tirnexxi"**, u ghalkemm is-socjeta` Mediterranean Survey Bureau Limited ma gietx hija stess surrogata fid-drittijiet tad-Direttur tal-Kummerc, minhabba l-mod kif topera l-Lloyd's, il-fatt li Hogg Robinson taw prokura lil dik is-socjeta` biex tipprocedi ghar-rivalsa tal-flus sborzati (ara xiehda mhux kontradetta ta' Mary Anne Camilleri tad-19 ta' Settembru 1991 quddiem il-perit legali) ghandu jitqies regolari u accettabbli. Konsegwentement it-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

<u>It-tielet eccezzjoni</u>

Dwar din l-eccezzjoni, il-perit legali jissottometti korrettement illi din "kienet tkun gustifikata li kieku s-socjeta` konvenuta kellha l-hsieb taccetta responsabbilita` ghan-nuqqas subit mir-ricevitur qabel il-prezentata tac-citazzjoni u ma setghetx taghmel dan ghaliex ma rcevietx minghand l-attur nomine jew minghand i-ricevitur fi zmien utili d-dokumenti kollha rikjesti minnha". Barra minn hekk,

ikompli jghid il-perit legali, "fix-xiehda tieghu, il-konvenut nomine qal li kien se jsostni l-allegazzjoni tieghu ta' retard min-naha ta' l-attur nomine permezz tal-presentata ta' dokumenti izda dawn ma gewx esebiti." Imbaghad jikkonkludi li fir-realta`, "is-socjeta` konvenuta cahdet kull attribuzzjoni ta' responsabbilita` fil-konfront taghha. Fil-fatt, fix-xiehda tieghu, il-konvneut nomine rrileva li l-istivar tal-merkanzija kien kompitu tal-esportatur mhux tal-armatur. Barra minn hekk, l-inkluzjoni tal-klawsola *said to contain* fil-polza ta' kariku kienet ttfa' l-oneru tal-prova tal-interezza tal-kariku fuq l-attur nomine."

Din il-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-perit legali u ghalhekk ukoll illi t-tielet eccezzjoni tigi michuda.

Fil-mertu

Fir-rapport tieghu l-perit legali jaghmel numru ta' sottomissjonijiet dwar l-oneru tal-prova sabiex tigi stabbilita r-responsabbilita` ghan-nuqqas jew hsara li jkun hemm f'merkanzija li tkun giet importata. Huwa jghid hekk:

"41. Il-merkanzija importata mid-Dipartiment tal-Kummerc kienet tikkonsisti minn 6207 kaxxi laham tal-friza. Din il-kwantita` hija koperta mis-seba' poloz ta' kariku (Dok. A sa Dok. G) esebiti mill-attur noe mac-citazzjoni. Huma kollha ***clean bills of lading*** – u cioe` il-kaptan tal-bastiment irrilaxxja ricevuta tal-merkanzija bla rimarki.

"42. Il-polza ta' kariku tikkostitwixxi prova li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur – fil-kaz in ezami f'kondizzjoni tajba (*Joseph Arrigo vs William J. Smith noe : Qorti tal-Appell : 15 ta' Marzu 1875*). Meta l-kaptan ta' vapur jircievi l-merkanzija abbord jassumi l-obbligu li jikkonsenja dik il-merkanzija lir-ricevitur fl-istat li kienet meta hadha in konsenja. Jirrispondi ghal kull hsara jew nuqqas li ggarrab dik il-merkanzija u l-oneru tal-prova huwa fuqu (*Carmelo Zammit Pace noe vs Victor Brockdorff noe : Qorti tal-Kummerc : 16 ta' Mejju 1933*).

"43. Fix-xiehda tieghu, il-konvenut noe irrileva li fil-poloz ta' kariku hemm ukoll inseriti klawsoli bhal ***shippers stow***

***load and count*** u ***said to contain*** in tutela tal-interessi tal-armatur.

“44. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Marzu 1922 fil-kawza fl-ismijiet *Negoziante Carlo Vassallo vs Capitano Stalianos Patronos (Vol. XXV – I – 854)* ikkunsidrat b’mod approfondit is-sinjifikat tal-klawsola ***dice essere*** u qalet hekk:-

*‘ha precisamente per iscopo di proteggere il capitano contro la differenza che potrebbe esistere tra la quantita` realmente caricata e quella che figura sulla polizza di carico. E` vero che malgrado la clausola ‘dice essere’ tanto il caricatore quanto il ricevitore puo` sempre provare che la deficienza nella merce scaricata e` dovuta a colpa o dolo del capitano; pero` per effetto di detta clausola siffatta colpa, e molto meno il dolo, del capitano non potrebbero presumersi ne` desumersi dalla sola differenza fra le indicazioni della polizza e le quantita` trovate allo scarico. In una parola la detta clausola ha per effetto di addossare al ricevitore in caso di contestazione la prova che all’infuori del solito calo di tolleranza ammesso dall’uso, la quantita` di merce caricata all’origine superi quella consegnata allo arrivo, in altri termini, per quella clausola, il capitano resta esonerato dal verificare il peso dichiarato nella polizza, ed essa ha pure l’effetto di invertire l’onere della prova, che altrimenti sarebbe a peso del capitano, circa la consegna integrale del carico.’*

“45. Dan l-insenjament kien segwit u citat favorevolment f’sentenzi aktar ricenti fosthom *Francis Bezzina Wettinger pro et noe vs Albert Mizzi et noe – Citaz. Nru. 765/77/JDC – Qorti tal-Kummerc – 11 ta’ Novembru 1985*.

“46. Il-klawsola ***shippers stow load and count*** iggorr maghha l-istess oneru ta’ prova bhall-klawsola ***said to contain*** (*Stephen Conti noe vs Joseph Apps noe – Citaz. Nru. 1040/92/JDC – 10 ta’ Lulju 1992 – konfermata mill-Qorti tal-Appell*).

"47. Jigi rilevat li fis-seba' poloz ta' kariku tirrizulta inkluza wkoll espressament il-frasi ***shipped in apparent good order and condition***. Fis-sentenza taghha tal-5 ta' Gunju 1987 fil-kawza fl-ismijet *Wilfred Mamo et noe vs Paul Mifsud et noe (Citaz. Nru. 532/83)* il-Qorti tal-Appell ikkummentat dwar din il-klawsola kif gej:-

*'l-imsemmija klawsola tistabilixxi prima facie l-prova li l-merkanzija msemmija fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba. Jekk ma tingieb l-ebda prova biex twaqqa' l-imsemmija presunzjoni (u din il-prova trid tingieb minn dik il-parti li trid twaqqaghha) allura l-Qorti ghandha tikkonkludi li fil-fatt il-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u ghandha tigi hekk skarikata.'*

"48. F'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell ghamlet riferenza ghal klawsola ohra inserita fil-polza ta' kariku li tghid ***Particulars of goods are those declared by shippers. Carrier not responsible for eventual discrepancies*** – klawsola li tixbah dik ***shippers load stow and count***. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:-

*'Il-Qorti ma tarax li biha l-armatur jew vettur gie esonerat minn responsabbilita` … jekk hemm xi nuqqas fin-numru tal-cartons jew nuqqas u/jew hsara fil-kontenut ta' xi whud mill-istess cartons, jispetta lill-istess kumpanija konvenuta noe li tipprova li fil-fatt dan in-nuqqas u/jew hsara kienu jesistu fil-mument tal-karikazzjoni u din il-prova ma saritx …L-agenti tal-vapur ghall-kaptan iddikjaraw fil-polza li rcevew tlettax-il carton f'kondizzjoni apparentement tajba – u presumibilment ma kinux jaghmlu dikjarazzjoni simili kieku mhux hekk ircevewhom.'*

"49. L-esponent ma jara ebda kontradizzjoni fil-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna fil-konsiderazzjoni u applikazzjoni tal-klawsoli inkluzi fil-poloz ta' kariku. Fir-realta` huma ttrattaw kull kaz fuq il-merti tieghu u qiesu l-prova tal-fatti u addebiti fuq bilanc ta' probabilitajiet."

Issa, mis-seba’ poloz ta’ kariku Dok. A sa Dok. G hemm prova *prima facie* li l-armaturi hadu abbord il-Popi total ta’ 6207 *cartons* ta’ laham tal-friza. In-numru ta’ *cartons* huwa indikat f’kull wahda mill-poloz ta’ kariku. Il-merkanzija tidher li tghabbiet f’kondizzjoni tajba peress illi hekk hemm dikjarat fuq l-istess poloz (*“in apparent good order and condition unless otherwise stated”*). Ma jirrizulta l-ebda kumment kuntrarju, anzi hemm dikjarat ukoll *“clean on board”*.

Meta l-vapur wasal Malta, il-merkanzija tnizzlet u f’dan l-istadju huma ta’ rilevanza l-*joint tallies* li saru mir-rapprezentant tal-vapur u mir-rapprezentant tal-Cargo Handling bhala kuntrattur tad-Direttur tal-Portijiet. Kif korrettement jghid il-perit legali, “it-*tally* jigi kondott fuq ir-rampa tal-vapur u ghandu zewg funzjonijiet importanti: dak li juri t-trapass tar-responsabbilta` tal-merkanzija minghand il-vapur ghal ghand il-Cargo Handling u fl-istess waqt huwa ricevuta da parti tal-Cargo Handling tal-merkanzija li se tghaddi fil-kustodja taghha.” Il-perit legali pero` wasal ghall-konkluzjoni illi l-ghadd ta’ *cartons* li tnizzlu minn abbord jissupera bil-bosta l-kwantita` ta’ *cartons* importati. Din il-konkluzjoni izda hija zbaljata. Minn ezami tat-*tally sheets* jirrizulta illi fost il-kaxxi li tnizzlu kien hemm numru minnhom li kienu jikkontjenu <u>hut</u>. Difatti jekk jinghaddu l-figuri li jirrapprezentaw il-*cartons* tal-laham tal-friza biss, ir-rizultat huwa ta’ 6167 *cartons*, filwaqt illi l-kumplament huma *cartons* kontenenti hut tal-friza. Barra minn hekk, kull ghadd f’kull polza huwa l-istess ghadd ta’ *cartons* fil-*gate pass-out* rispettiv. Hekk, per ezempju, fid-Dok. ED1, id-diversi totali ta’ 279, 174, 490, 254, 190, 274 u 257 huma l-istess totali li nhargu skond il-*gate pass-outs* Dok. ED8, Dok. ED7, Dok. ED10, Dok. ED9, Dok. ED12, Dok. ED11 u Dok. ED13 rispettivament. Anke d-dokumenti tad-Dwana (Dok. 1 sa Dok. 5) jikkonfermaw in-nuqqas skond l-istanza attrici. Barra minn hekk mill-istess *tally sheets* jirrizultaw nuqqasijiet fi hdax-il *carton* kif ukoll *carton* vojt. Mela jekk il-merkanzija giet karikata *in apparent good order and condition*, zgur li ma twasslitx Malta f’dik l-istess kondizzjoni. Il-poloz imsemmija huma *clean bills of lading* mahruga mill-agenti tal-vapur ghall-kaptan tal-vapur li hu

ormai pacifiku jirrapprezenta l-proprjetarji u l-armaturi tal-vapur. Kif intqal fis-sentenza aktar qabel citata fl-ismijiet **Wilfred Mamo et noe vs Paul Mifsud et noe** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fil-5 ta' Gunju 1987:

**"L-imsemmija klawsola tistabbilixxi *prima facie* l-prova li l-merkanzija msemmija fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u timponi l-obbligu li l-merkanzija tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba. Jekk ma tingieb l-ebda prova biex titwaqqa' l-imsemmija prezunzjoni (u din il-prova trid tingieb minn dik il-parti li trid twaqqaghha – f'dan il-kaz il-kumpanija konvenuta Mifsud Brothers Ltd. nomine), allura l-Qorti ghandha tikkonkludi li fil-fatt il-merkanzija deskritta fil-polza giet karikata f'kondizzjoni tajba u ghandha tigi hekk ukoll skarikata."**

Dak li ntqal f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* fil-kaz odjern. Il-fatt li l-merkanzija giet stivata mix-*shippers* ma jbiddel xejn minn din il-konkluzjoni peress illi meta l-agenti tal-vapur ghall-kaptan iddikjaraw li rcevew il-merkanzija f'kundizzjoni apparentement tajba – u presumibilment ma kinux jaghmlu dikjarazzjoni simili kieku mhux hekk ircevewha – din hija l-merkanzija li kellha tigi skarikata fl-istess kondizzjoni tajba.

Il-valur tal-merkanzija nieqsa gie stabbilit u jirrizulta li huwa in lineja mat-talba attrici, b'dan illi fil-mori tal-kawza giet ipprezentata nota li permezz taghha l-attur nominee rriduca t-talba minn dik originali ta' Lm1043.32 ghal Lm897.26. Il-konvenut nomine fix-xiehda tieghu llimita ruhu biex jirreferi ghal *package limitation clause*, izda dan ma jirrizultax mid-dokumenti fl-atti ta' din il-kawza. Kwindi t-talba attrici kif ridotta timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine u tiddikjara illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` Mediterranean Survey Bureau Limited proprio, izda tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u

ghalhekk tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici Mediterranean Survey Bureau Limited nomine billi:

(1) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-Dipartiment tal-Kummerc, u

(2) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lis-socjeta` Mediterranean Survey Bureau Limited nomine s-somma ridotta ta’ Lm897.26 bl-imghax mit-23 ta’ Marzu 1989, in lineja ta’ danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez li jithallsu kwint mill-attur nomine u erba’ kwinti mill-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------